# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 6 ta’ 2021, miżmuma nhar it-22 t’ Ġunju 2021, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Anton Mifsud | | | President |
| Paul Vella | Mġarr LC | | Viċi President |
| Abraham Aquilina | Għargħur LC | (online) | Membru |
| Christianne Mifsud | Mtarfa LC | (online) | Membru |
| Mary Anne Abela | Swieqi LC | (online) | Membru |
| John Buttigieg | Mellieha LC | | Membru |
| A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | (online) | Membru |
| Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | (online) | Membru |
| Matthew Chetcuti | Rabat LC | (online) | Member |
| Romilda B. Zarb | Mosta LC | (online) | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |
| Omar el Arab | Pembroke LC | Membru Delegat |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

AĠENDA

6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

6.3 Komunikazzjoni tal-President;

6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

6.5 Kumunikazjoni

6.6 Rapporti;

6.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

- 6.7.1 New Photocopier
- 6.7.2 Varar ta' "Permessi online"
- 6.7.3 Virtual Tours
- 6.7.4 CCTV System
- 6.7.5 Expectations survey
- 6.7.6 SIA – Naxxar

6.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

6.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mill-Viċi President Paul Vella. Bdiet fis-18:30hrs. Is-Sur Vella fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

Il-President Anton Mifsud wasal fis-18:40hrs u kompla l-laqgħa.

## - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Omar El Arab u Peter Sant Manduca kienu assenti. Is-Sinjur Raymond Schembri kien skużat.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 5 ta' 2021, mizmuma f'Mejju, ittieħdu bħala moqrija. John Buttigieg ippropona li jkunu approvati. Christianne Mifsud issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajjma mill-minuti:



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Is-SE ta rendikont - CCTV tender. Is-SE spjega li x-xogħol fuq it-twaħħil tal-cameras issa tlesta. Jonqos li xi uhud ikunu konnessi. Ser jibda x-xogħol biex il-Kunsilli ikollhom aċċess għalihom u tibda titħaddem is-sistema. Is-SE issottometta r-rapport finali lill-AKL u talab li r-Reġjun ikun refus l-ispiża; qed jiprova jkopri ukoll l-ispejjeż individwali tal-Kunsilli. Jonqos biss li ssir hand over uffiċjali, u din ukoll talab għall-ispejjeż tagħha.

Fuq l-attivita tat-3 ta' Settembru, biex ikun varat il-ktieb tar-Regjun - Romilda B Zarb issuġġeriet li jintuża t-Teatru Grieg li jinsab fil-Ġnien tal-Għarusa, l-Mosta. Is-SE ser jara kemm jistgħu joqgħodu nies hemm.

Abraham Aquilina staqsa rigward l-AEDs. Is-SE spjega li l-Kunsilli għandhom jikkonfermaw fejn iridu dawn li jitwaħlu. Dawk li ser jitwaħlu barra ser ikollhom bżonn cabinet apposta. Dan ser jitħallas mill-Kunsilli.

Magħtab – Mary Ann Abela staqsiet dwar il-proġett tal-Magħtab. Is-SE spjega li kien reġa' kiteb lill-Ministru u reġa' talab għal laqgħa.

Komunikazzjoni mil-President

Il-President informa lill-membri li SPI kienet ħarġet is-sejħa għas-sitt uffiċjali u kien qed isir il-proċess ta' interviews preliminari. Wara, dawn ser jgħaddu għand ir-Reġjuni biex jagħżlu minnhom.

Il-President ippreżenta r-riklam – (ossia l-artiklu) li kien ippublikat fil-ġurnal tal-iskola ta' San Pawl il-Baħar.

Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Paul Vella ippreżenta domanda tal-Kunsilliera Claudette Muscat fejn din talbet lir-Reġjun jgħin lill-Kunsill fuq neutering tal-qtates. Is-SE spjega li d-Dipartiment tal-Animal Welfare għandu skemi għal dawn l-affarijiet kif ukoll li għal din is-sena, ir-Reġjun ma kienx alloka fondi għal dawn it-tip t' attivitajiet, u ssuġġerixxa lill-membri biex l-ewwel jaraw x'fondi jistgħu iġibu min-naħa ta' Animal Welfare u kif ukoll biex meta jkun qed jitfassal il-budget reġjonali għas-sena d-dieħla, din tkun waħda mil-proposti. Il-membri laqgħu is-suġġeriment.

– Komunikazzjoni

– Rapporti

– Affarijiet oħra

360 and 3D Visual Tours Tender – Dan it-tender beda x-xogħol fuqu. Is-SE wera l-video tal-Knisja tal-Imġarr. Talab lill-membri jwieġbu lis-Sur Borg D'Anastasi ħalli jkun jista jsir ix-xogħol.

EU Funds Course - Is-SE ippreżenta offerta fuq kors ta' EU funds. Paul Vella ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv jattendi. Anton Mifsud issekonda. Il-Membri qablu unanimament li s-SE jattendi għal dan il-kors.

Varar ta' Permessi Online - Fit-30 ta'Ġunju, ser issir il-konferenza stampa biex ir-Reġjun ivara s-sistema ta' permessi online - Il-membri kif ukoll il-kunsilliera huma mistiedna. Jose Herrera għandu jattendi.

Expectations survey - Is-SE beda ħidma biex ikun imfassal u jsir l-expectations survey. Ser jintalbu il-quotations.

SIA Naxxar - Is-SE kellu laqgha virtwali rigward SIA li qed issir fuq is-sit li kien il-parking area tat-tradefair. Spjega li n-Naxxar hu wieħed mit-tliet arterji li jagħqdu n-naħa ta' fuq ta' Malta mal-bqija, kif ukoll il-bżonn li jkun kontrollat it-tqattieh u t-trab fl-arja.

Photocopier u kompjuter ġdid. Is-SE spjega li l-photocopier il-kbira kienet waslet fi tmiem il-ħajja tagħha, u ma kienx jaqbel li tissewwa. Il-membri qablu li din tinbidel u għalhekk is-SE ser iġib prezzijiet t' apparat ġdid. Ser jara liema l-aħjar għażla bejn xiri u kiri. Ser ukoll jinġieb kompjuter ġdid.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 139 kienet preżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. John Buttigieg issekonda. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 20 ta' Lulju 2021, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

________________________ ____________________________

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 20 ta' Lulju 2021.